# ORDNI KARMELITAN SEKULARI
## Fergħa Mdina

*Programm ta' Formazzjoni*

Il-kandidati għat-tisħib fl-Ordni Karmelitan Sekulari jimxu fuq in-normi mfassla fir-Regula u l-Istatuti OKS. Il-mixja tal-formazzjoni inizjali hija msejsa fuq dak li jitolbu r-Regula u l-Istatuti u hi magħmula minn dawn it-tarġiet:

1. Talba bil-miktub għat-tisħib tal-kandidat lill-Fraternità.
2. Vestizzjoni skont ir-Ritwal OKS.
3. Il-kandidat jibda' jieħu sehem fil-laqgħat u l-ħajja tal-fraternita OKS u wkoll f'laqgħat ta' formazzjoni.
4. Wara sena issir il-Professjoni temporanja fl-OKS (bil-voti jew mingħajr voti skont il-kaz.
5. Wara tliet snin issir il-Professjoni Perpetwa.

Mill-Vestizzjoni sal-Professjoni Temporanja bħala manwal tal-formazzjoni jintuza l-ktieb *Climbing the Mountain* u jsiru dawn il-laqgħat:

1. X'inhi l-formazzjoni?
2. Is-Sejħa għall-Qdusija
3."In obsequio Ihesu Christi"
4. Il-Karmelu: Karizma u Spiritwalita'
5. Il-Verġni Mqaddsa Marija
6. Il-Profeta Missierna Elija, Mexxej tagħna.
7. Ir-Regula ta' San Albert
8. L-Istorja tal-Ordni Karmelitan
9. Ngħixu fil-Prezenza ta' Alla: Il-Kontemplazzjoni
10. Nisimgħu u nwieġbu lil Alla: It-Talb
11. Lectio Divina: Nilbsu l-Armatura ta' Alla
12. Inxiddu fuqna l-libsa Karmelitana
13. Madwar Kristu li jikser il-ħobz
14. Il-Ħajja Fraterna
15. Komunjoni mal-aħwa l-kbar li mxew qabilna
16. Il-qadi fl-imħabba
17. Fraternita li ġġib 'il quddiem il-ġustiizzja, l-paċi u l-integrita' tal-ħolqien
18. Ir-Regula OKS
19. L-Istatuti OKS
20. Ir-Rabta fil-Karmelu

Il-Karmelitan Sekulari għandu jieħu kull opportunità u inizjattiva kemm personali kif ukoll tal-fraternità lokali u nazzjonali għall-formazzjoni kontinwa. Minbarra l-laqgħat ta' informazzjoni, kemm il-formazzjoni inizjali kif ukoll dik kontinwa jinkludu s-sehem fil-ħajja tat-talb, fil-koltivazzjoni tal-ispirtu fratern, u l-ħidma apostolika tal-Karmnu tal-Mdina sabiex jissaħħaħ dejjem aktar is-sens ta' Familja Karmelitana li tiġborna flimkien f'ideal wieħed u sejħa waħda mgħixha skont l-istat tal-ħajja nisranija partikolari fi ħdan il-Knisja.